Minuti tal-laqgħa numru sittax (16) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li nżammet nhar it-Tnejn, 18 ta' Awwissu, 2025, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fil-5.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| Skużata | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |

Il-laqgħa ma saritx fil-ġurnata skedata għaliex il-kunsillieri kollha qablu permezz ta' e-mail li kienet iċċirkulata li tiġi posposta għaliex kemm is-Sa Anthea Sacco kif ukoll is-Sa Marion Parnis ma setgħux jattendu.

16.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Presedenza

Ma kienx hemm. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u l-kunsillieri qalu t-talba flimkien.

16.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduti numru ħmistax** — Minuti

Il-minuti tas-seduta numru ħmistax kienu proposti għall-vot mis-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sa Nina Skye Briffa u dawn kienu approvati unanimament.

16.03 **Rizenji tas-Sur Carl Falzon u tas-Sa Marouska Sacco** — Rizenji

Dwar ir-rizenji tas-Sur Carl Falzon, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi dan kien fuq kuntratt u li skada u issa mhux se jkun imġedded filwaqt li mill-informazzjoni li għandna, hu sab xogħol ieħor. Is-Sa Marouska Sacco irriżenjat wara biss jumejn u għal kliem tas-Sur Karmenu Farrugia, dwar li ma kellhiex post, is-DSE qal li kull filgħodu wara it-8.30am il-computer tiegħu jintefa u ma kien ikun hemm ħadd fuqu ħliefha u kienet tidħol bil-login tagħha.

Dwar it-tieni kandidata, intqal li is-Sa Diane Cuffari ma kienetx kwalifikata u d-dipartiment għall-Gvern Lokali ma aċċettahiex filwaqt li qed jistaqsu għall-Ischool Leaving Certificate it-tajjeb (skont l-istandard) tat-tielet kandidata, is-Sa Chelsie Mifsud.

16.04 **Kisi ta' Triq Lourdes, Triq il-Kbira Sqaqien 2 u 4 u Triq il-Parroċċa Sqaq 1 (Fond għall-Izvilupp Urban)** — Eks Urban Improvement Fund

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi irnexxielu jottjeni fondi mil-Fond tal-Izvilupp Urban fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar. Fil-ġranet li għaddew kien iffirmat ftehim mal-istess awtorità, endorsjati mir-Reġjun Punent biex nassiguraw li dawn ikunu ta' sostenn sħiħ (ma jkunx hemm ko-finanzjament min-naħa tagħna) biex jinksew bil-konkos printed u fuq

kollox isiru l-kanni tal-ilma u l-mejnijiet tal-ilma. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li se jiltaqa' mal-Perit tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tkun tistà toħroġ l-LA dwar il-materjal.

16.05 **PC059/20 - Triq il-Kurat Mizzi u Triq l-Iskola (deadline 3.9.25)** PC 59/20

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem dwar din l-applikazzjoni, u qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi għandu sat-3 ta' Settembru, biex isemma' leħnu. Din hija art li tinsab wara l-ground tal-futbol. Kien deċiż unanimament illi ssir representation biex ir-razzett jiġi protett u priservat bin-niċċa b'kollox u din jew ma tinqalax mil-post jew jekk ikollha tinqala' tiġi inkorporata fil-binja l-ġdida u l-għoli tal-bini ma jkunx aktar minn zewġ sulari minkejja li is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li skont il-local plan dan jista' jogħla ħafna aktar.

16.06 ***Minn Pjazza għal Pjazza*** Minn Pjazza għal Pjazza

Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq l-attività kulturali Minn Pjazza ghal Pjazza. Hija qalet li issa kollox għandna magħluq. Tkellmet fuq il-films fuq l-iscreen bis-siġġijiet u s-silent headphones li inkrew. Hija qalet li dawn se jkunu qed jintwerew fi Triq il-Parroċċa, u wkoll dwar it-tombla li se tkun quddiem il-ħanut tat-te fi Triq Rokku Buhagiar u karaoke boothe li se tkun quddiem il-ħanut kotba u l-ftuħ ta' Ħaġar Qim permezz ta' karozza tal-linja antika. Hija staqsiet jekk hux possibbli li l-ħaddiema tagħna jqassmu posters fil-ħwienet anke fl-Imqabba. Dawn se jkunu mitbuħa fl-uffiċċju tagħna stess. Tkellmet ukoll dwar il-Press Conference tal-Ħamis, 21 ta' Awwissu. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi l-Onor Owen Bonniċi ma jistax jattendi għax se jkun imsiefer, filwaqt li s-Sa Anthea Sacco qalet illi se tara jekk tistax tattendi l-Onor Alison Zerafa Civelli jew tal-inqas id-Direttur Ġenerali.

16.07 **Underwater Clean Up (Wied iz-Zurrieq) 16.8.28 – Skema tad-DLG** Underwater Clean Up

Kien deċiż illi l-Underwater clean up f'Wied iz-Zurrieq issir mhux fis-16 ta' Awwissu iżda fil-mhux se ssir fit-30 ta' Awwissu. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li se jissieħbu magħna il-Malta Tourism Authority u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi irid joħroġ il-fondi tal-iskips biss. Huma se jkunu qed isellfuna iċ-ċilindri tal-arja, l-ħbula eċċ biex mil-flus li se jkunu ffrankati se nieħdu lit-tfal tal-iskola b'xarabank għall-ECO Hive. Se jkunu avżati wkoll il-Barklori.

16.08 **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart (Jan-Ġun 25)** Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart

Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart kien ikkunsidrat wara li kien propost mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u ssekondat mis-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku. Dan ir-rapport tal-accountant GCS Accounting jelenka surplus fl-ewwel sitt xhur tas-sena ta' 'il fuq minn €80,000. Ir-rapport kien approvat unanimament.

16.09 **Approvazzjoni tar-Rapport tal-Offerta Pubblika tal-Accountant** Servizz ta' Accountant

Ir-Rapport tal-Evalwaturi tal-offerta pubblika ta' l-Accountant kien ikkunsidrat u approvat unanimament għall-ammont ta' €3990 (Accountant) Lot 1 u €2880 (Accountant Technician) Lot 2. Sadanittant se jiġġedded il-kuntratt biex ikopri ix-xhur ta' Lulju u Awwissu u

Settembru ma' GCS Accounting ħalli xorta waħda l-Kunsill ikun qed jingħata dan is-servizz.

16.10 **Punti Oħra**

16.10.01 Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa jekk hemmx ċans li peremezz tal-iskama tal-LESA jistgħux isiru arbli b'fanali dekorattivi fi Pjazza Santa Marija quddiem il-Kazin ta' Lourdes. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri wieġeb illi meta konna applikajna dawn ġew avviċinati u ma kienux xtaquhom.

16.10.02 Is-Sindku, s-Sur David Michael Schembri informa lill-kunsillieri illi inbeda' r-restawr tal-istatwa ta' Sant Anna mid-Direttorat għar-Restawr. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi laqa' bil-ferħa din l-aħbar li se tkompli tkattar il-wirt kulturali fir-raħal tal-Qrendi. — Statwa ta' Sant Anna.

16.10.03 Is-Sur David Schembri, is-Sindku,informa lill-kunsillieri illi għalqu l-applikazzjonijiet tal-Lifelong Learning. Madankollu, applikaw biss tliet persuni għal kors u u tmienja għal kors ieħor. Peress li l-minimu ta' studenti fil-klassi iridu jkunu tnax, il-lezzjonijiet mhux possibbli li jibdew fil-Qrendi. — Lifelong Learning

16.10.04 Is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq it-twinning programm. Hu qal illi l-host se jkunu l-Croati permezz tal-belt ta' Klanjec peress li dan hu parti mill-programm tal-Erasmus. Dwar il-mawra tagħna f'Settembru li ġej, is-Sindku qal li zewġ parteċipanti iridu jkunu għalliema. Se jkun hemm ukoll is-Sur Louis Sammut u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv minflok is-Sindku li se jkun qiegħed fuq mawra oħra barra minn xtutna – fiċ-Ċina bejn il-15 u l-21 ta' Settembru u għandu kollox imħallas (mhux mil-Kunsill). Xogħol id-DSE hu li jsiru l-preparamenti u l-arranġamenti kollha biex ikun iffirmat il-ġemellaġġ aktar tard is-sena d-dieħla fi Klanjek fuq mawra tal-Kunsill kollu. Se ssirilhom stedina biex jiġu sitt persuni imbgħad fostna fil-Festival Agrarju tal-Patata 2026. — Klanjec

16.10.05 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li għall-festival tal-Patata 2026 se jiġu crew ta' TVM ixandru mir-Raħal tagħna tul il-għodwa. Dawn se jkunu qed jagħmlu coverage li jibda b'Quddiesa u imbgħad jiffukaw fuq l-attività kulturali annwali. Din l-attività trid issir però f'Mejju u mhux f'Settembru. — Coverage fuq TVM tal-Festival tal-Patata

16.10.06 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq is-seminar mill-Aġenzija Support. Hu qal li dizinjaturi/junior architects se jkunu qed jiddizinjaw madwar il-Youth Hub fi Triq Nazzareno Sammut fil-Qrendi skont l-esiġenzi ta' min se jkun qed jingħata dan is-servizz. — Seminar mill-Aġenzija Support

16.10.07 Issemma' l-gandott li minnu se jgħaddu l-wires tal-elettriku fi Triq Gregorio Mifsud, Triq Dwardu Borg, Triq il-Kastiljani u Triq Santa Katerina. Dan biex tissaħħaħ il-provista tal-elettriku mis-Sub Station ta' Triq Santa Katerina. — Tisħiħ tal-provista tal-elettriku

16.10.08 Is-Sur Karmenu Farrugia talab li jsir il-pagament tal-rimbors tal-ispejjez tal-Fire Engine li kienet stazzjonata fir-raħal waqt il-Festa tal-Madonna ta' Lourdes. — Fire Engine

16.10.09 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri informa lill-KLQ illi iltaqa' mal-FKNK dwar il-proposta tagħhom li tiġi mibnija gaġġa kbira għall-gamiem fil-Ġnien tal-Warda. Hu qal li dawn l-ewwel nett iridu japplikaw permezz ta' DNO mal-Awtorità tal-Ippjanar. — Gaġġa tal-Gamiem

16.10.10 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq proġett minn Project Green fir-raħal tagħna. Hu qal li din l-inizjattiva pilota se tkun tikkonċerna li jitpoġġew qsari fl-isqaqien. Il-KLQ m'għandux oġġezzjoni għal din l-inizjattiva biex inħaddru aktar l-ambjent fejn ngħixu. — Qsari fl-Isqaqien

16.10.11 Kien innotat tisbiħ fil-Ġnien tal-Kmand permezz ta' żbir tas-siġar taċ-ċitru u wkoll it-tisqija regolari permezz ta' pompa ġdida u d-drip irrigation. Dan qed isir minn Project Green. Sadanittant kien approvat il-ftehim ma' Din l-art Helwa li se jkunu qed jidħlu għall-finanzjament li u hemm bżonn għar-restawr tal-ħitan. — Ġnien tal-Kmand

16.10.12 Konna infurmati illi ikkwalifikajna biex ikun hawn Child Minding waqt il-laqgħat tal-Kunsill għall-Kunsillieri. Se jsiru l-arranġamenti biex it-tifel tal-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco jkun qed jibbenefika minn din l-inizjattiva. — Child Minding

16.10.13 Ġejna mitluba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jaraw jekk aħniex interessati biex jitwaqqfu tabelli b'kollaborazzjoni mal-ARUC dwar id-drogi. Il-KLQ mhux se jwaħħal minnhom. — Aruc-Droga

16.10.14 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar it-talba li kien għamel fil-laqgħa li għaddiet dwar dik li sejjaħ is-sitwazzjoni fiċ-Ċentru Ċiviku u l-bandli ta' Ġnien Nicolò Communet. Hu qal li ilu ma jmur jaħdem ħadd żmien u l-periklu bis-solloijiet ippuntati fil-bandli huma perikolużi speċjalment għat-tfal. Hu qal li se jieħu l-passi li jidhirlu xierqa jekk ma titranġax din is-sitwazzjoni. Dwar il-Berġa tal-Gvern hu qal li l-ftit affarijiet li għandhom isiru għadhom ma sarux u b'hekk il-berġa ma tistax tiftaħ għall-pubbliku. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ċempel dak il-ħin lis-Sur Nicholas Attard tal-kuntrattur CPI u kien hemm ftehim li jsiru dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku qal li applikajna mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex ningħataw Direct Order biex ikun approvat dan l-istess kuntrattur biex iwettaq ix-xogħlijiet fis-sular ta' fuq. — Ċentru Ċiviku u l-Bandli

16.10.15 Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq it-talba li kellha ssir lid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni biex jinħasel il-bandli u postijiet oħra ta' attrazzjoni bħall-pjazez tal-inqas darba fix-xahar. Id-DSE qal li filwaqt li għamel talba biex nhar il-Ħadd, 24 ta' Awwissu isir it-tindif tat-toroq wara l-attività skedata għal nhar is-Sibt, 23 ta' Awwissu u ħa in konsiderazzjoni ix-xita qawwija tal-maltempata ta' bejn is-Sibt, 16 u l-Ħadd 17 ta' Awwissu, it-talba se ssir fix-xahar ta' Settembru permezz ta' e-mail. — Ħasil tat-toroq

| | | |
|---|---|---|
| 16.10.16 | Is-Sa Nina Briffa tat aġġornament tal-Kunsill Lokali tat-Tfal li issa qed jiltaqa' fiċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali, Qalb ta' Ġesù, Triq iz-Zurrieq, il-Qrendi bħalma kien qed isir oriġinalment u mhux f'Ħal Safi. | Kunsill Lokali tat-Tfal |
| 16.11 | **Data tal-laqgħa li jmiss**<br>Din il-laqgħa ntemmet fis-19.15pm u l-laqgħa li jmiss se ssir nhar id-9 ta' Settembru, 2025 fil-5.30pm. | Aġġornament |

Miġbura minn Anthony Bonello u approvati llum 9.9.25 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku